**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 500/2016 AF**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**B'digriet tas-26 ta' Lulju 2016 l-Avukat Dr. Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Naser Elfitouri Elghawi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Lombard Bank Malta plc li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fis-6 ta' Marzu, 1998, il-konvenut Naser Elfitouri Elghawi persuna ta' nazzjonalità Libjana, flimkien ma' persuna ohra jisimha Ammar Shammout, kienu talbu il-ftuh ta' kont *joint* mal-bank attur, *savings account* numru 5027134998, fil-fergha ta' Tas-Sliema tal-bank rikorrenti, liema kont kien denominat bhala "Mr. Naser Elfitouri Elghawi & Mr Ammar A.F. Shammout T/A Yamama – Aramex".

Skond l-istruzzjonijiet moghtija lill-bank mill-konvenut Naser Elfitouri Elghawi u minn Ammar Shammout, dawn iz-zewg persuni, li kienu il-firmatarji tal-kont, taw is-setgha lil kull wiehed minnhom, wahdu, li jista' jigbed sa mhux izjed minn hamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) kull tliet xhur minn go dan il-kont, waqt illi il-gbid ta' kull somma 'l fuq mill-imsemmi limitu kellu jsir bil-firma jew talba taz-zewg firmatarji flimkien.

F'hames (5) okkazjonijiet bejn l-1 ta' Gunju, 1999 u it-13 ta' Awwissu, 1999, l-intimat Naser Elfitouri Elghawi gibed wahdu, u minghajr il-firma jew awtorizzazzjoni ta' Ammar Shammout, flejjes li b'kollox ilahhqu is-somma ta' sitta u tmenin elf, hames mija u hamsa u erbghin dollaru Amerikan u sebgha u erbghin centezmu (US$86,545.47), u dana bi ksur tal-ftehim bejniethom u cioe' ta' l-account holders, kif fuq imsemmi.

Ghalhekk, in segwitu, Ammar Shammout ipprezenta kawza kontra l-bank attur, fl-ismijiet "Avukat Dottor Kevin F. Dingli u Avukat Dottor Suzanne Shaw, bħala mandatarji speċjali ta' l-assenti Ammar Shammout vs Lombard Bank Malta p.l.c.", permezz ta' Citazzjoni Numru 525/2000JRM, illi permezz taghha talab:-

-dikjarazzjoni illi l-awtorizzazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta, f'dak il-kaz, Lombard Bank Malta p.l.c., li bis-sahha taghha Naser Elfitouri Elghawi, il-joint account holder, zbanka mill-joint United States Savings Account numru 5027134998 l-ammont ta' sitta u tmenin elf hames mija u hamsa u erbghin dollari amerikani u seba' u erbghin centezmu (USD86,545.47) kif premess, inghatat abusivament u illegalment, bi ksur tal-mandat illi kien jirregola l-kont bankarju in kwistjoni u f'kull kaz minghajr ebda gustifikazzjoni skond il-ligi, u bi pregudizzju tal-istess Ammar Shammout;

-u il-konsegwenti kundanna tal-bank sabiex dan jerga' jpoggi lura fl-imsemmi *joint* United States Dollars Savings Account numru 5027134998 fl-ismijiet "Mr. Naser Elfitouri Elghawi & Mr Ammar A.F.Shammout T/A Yamama – Aramex", is-somma komplessiva ta' USD86,545.47, flimkien mal-imghaxijiet legali kollha mid-dati tal-izbanki relattivi sar-restituzzjoni effettiva.

Dina l-Onorabbli Qorti iddecidiet dik il-kawza permezz ta' sentenza tas-26 ta' Gunju, 2014, liema sentenza ghaddiet in gudikat. F'dik is-sentenza, fost konsiderazzjonijiet ohra, dina l-Onorabbli Qorti qalet hekk:-

*Illi fejn jidħol kont bankarju miżmum minn aktar minn firmatarju jew benefiċjarju wieħed ("joint account") bħal fil-każ tal-kont mertu ta' din il-kawża, titnissel rabta ġuridika oħra bejn il-bank u l-klijenti. Fil-fehma tal-awturi, dan iġib miegħu effetti legali partikolari li, minħabba n-natura tal-kont, jitfgħu fuq il-bank u fuq l-istess benefiċjarji obbligi reċiproċi. "According to the view which seems to meet with the most favour, such an account is both joint and several. Thus, while the signatures of both parties are required in any action taken with regard to the account, such as the drawing of cheques, if one of these signatures is forged, or added without authorisation, and the banker acts as if he had in fact held the order of both the parties to the account, he will be liable to the party who did not in fact sign, for breach of his several obligation to him not to act without his signature" Din il-fehma toqgħod ukoll, fil-fehma tal-Qorti, fejn, bħal fil-każ li għandha quddiemha, l-benefiċjarji jkunu taw struzzjonijiet lill-bank dwar it-tħaddim tal-kont;*

...

*Illi mill-atti ħareġ ċar li, bl-ammonti miġbuda minn Elghani bejn Ġunju u Awwissu tal-1999, kien meħtieġ li ammonti għall-ġbid ("withdrawals") ta' 'l fuq minn ħamest elef dollaru kellhom jintalbu miż-żewġ benefiċjarji flimkien. Dan ma sarx u l-provi dokumentali juru bla ebda ħjiel ta' dubju li Elghani tħalla jitlob li jiġbed flejjes li jisbqu dawk il-limiti u f'qasir żmien. L-istruzzjonijiet saru lil LBM u dan, kull darba, qagħad għal dawk l-istruzzjonijiet. Kemm hu hekk, il-ġbid sar dejjem bil-ħidma u l-ministeru ta' funzjonarji ta' LBM għaliex il-faċilita' ma kenitx tħalli li jinġibdu flejjes mill-Kont b'mod elettroniku jew awtonomu mill-intervent amministrattiv tal-Bank. Mad-daqqa t'għajn, għalhekk dak il-ġbid sar bi ksur tal-mandat espress li kien ingħata lil LBM;*

...

*l-istruzzjonijiet, safejn kienu jaqbżu l-mandat, ma kienu bl-ebda mod regolari u kienu manifestament imorru kontra l-mandat mogħti.*

Il-Qorti f'dik is-sentenza ordnat lill-Bank imħarrek biex, fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data tas-sentenza, jerġa' jqiegħed fl-imsemmi kont is-somma ta' USD 86,545.47, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi fuq dik is-somma, b'seħħ minn dakinhar li nġibdu s-somom relattivi sal-jum tal-effettiv radd lura fil-kont, u ordnat li l-Bank imħarrek iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

In ottemperanza ma' tali sentenza il-bank rikorrenti ivversa is-somma ta' USD 86,545.47 fl-imsemmi kont, kif ukoll qieghed fl-istess kont is-somma ulterjuri ta' USD 86,545.47 dovuti bhala imgħaxijiet relattivi fuq dik is-somma, u dana kif jidher mid-dokument anness ma' dan ir-rikors u immarkat bhala dokument 'A'.

In ottemperanza wkoll mal-imsemmija sentenza, il-bank rikorrenti hallas lill-konsulenti legali ta' Ammar Shammout is-somma ta' erbghat elef, tliet mija u sitta u disghin euro u tlieta u disghin centezmu (EUR4,396.93), rapprezentanti drittijiet, spejjez u VAT dovuti skond is-sentenza, u dana kif jidher mid-dokument anness ma' dan ir-rikors u immarkat bhala dokument 'B', u dana oltre is-somma imhallsa waqt il-mori tal-kawza lill-interpretu Aaron Haroun ghal drittijiet, spejjez u VAT, u cioe' dik ta' hames mija u wiehed u ghoxrin euro u sitta u hamsin centezmu (EUR521.56), u dina kif tidher mid-dokument anness ma' dan ir-rikors u immarkat bhala dokument 'C'.

Ghalhekk il-bank rikorrenti sal-lum sborza is-segwenti somom:-

- USD86,545.47 li huwa l-ammont li kellu jerga' jigi akkreditat ghal gol-kont fuq imsemmi;
- USD86,545.47 li huwa l-ammont ta' imghax li gie akkreditat ghal gol-kont fuq imsemmi;
- EUR4,396.93 rapprezentanti drittijiet, spejjez u VAT dovuti skond is-sentenza u debitament imhallsa;
- EUR521.56 rapprezentanti drittijiet, spejjez u VAT dovuti fir-rigward tal-interpretu Aaron Haroun u debitament imhallsa.

Barra minn hekk il-bank sofra wkoll danni ohra hekk kif ser jigi ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-bank rikorrenti sofra dan it-telf ossia dannu bhala konsegwenza diretta tal-agir tal-intimat Naser Elfitouri Elghawi. Illi il-bank rikorrenti irid jirkupra minghand l-intimat Naser Elfitouri Elghawi id-danni kollha sofferti kif premess.

Għar-raġunijiet suesposti, kellha issir din il-kawża.

L-esponenti jaf dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Ghar-ragunijiet premessi, prevja occorrendo dikjarazzjoni illi f'hames (5) okkazjonijiet bejn l-1 ta' Gunju, 1999 u it-13 ta' Awwissu, 1999, l-intimat Naser Elfitouri Elghawi unilateralment u minghajr il-firma jew awtorizzazzjoni ta' Ammar Shammout gibed flejjes li b'kollox ilahhqu is-somma ta' sitta u tmenin elf, hames mija u hamsa u erbghin dollaru Amerikan u sebgha u erbghin centezmu (US$86,545.47), a dannu tal-bank rikorrenti u dan ghaliex Naser Elfitouri Elghawi kiser l-istruzzjonijiet li, hu stess, flimkien mal-*joint account holder* l-iehor Ammar Shammout, kienu taw lill-bank konguntament bejniethom,

1. Tikkundanna lill-intimat Naser Elfitouri Elghawi sabiex ihallas ossia jirrifondi lill-bank rikorrenti:

    i. f'munita euro l-ekwivalenti tas-somma ta' sitta u tmenin elf, hames mija u hamsa u erbghin dollaru Amerikan u sebgha u erbghin centezmu (US$86,545.47) li huwa l-ammont li kellu jerga' jigi akkreditat ghal gol-kont fuq imsemmi mill-bank rikorrenti;

    ii. f'munita euro l-ekwivalenti tas-somma ta' sitta u tmenin elf, hames mija u hamsa u erbghin dollaru Amerikan u sebgha u erbghin centezmu (US$86,545.47) li huwa l-ammont ta'imghax li gie akkreditat ghal gol-kont fuq imsemmi;

iii. EUR4,396.93 rapprezentanti drittijiet, spejjez u VAT dovuti skond is-sentenza u debitament imhallsa;

iv. EUR521.56 rapprezentanti drittijiet, spejjez u VAT dovuti fir-rigward tal-interpretu Aaron Haroun u debitament imhallsa.

2. Tillikwida id-danni ulterjuri li bata il-bank rikorrenti bhala konsegwenza tal-agir tal-intimat Naser Elfitouri Elghawi;

3. Tikkundanna lill-intimat Naser Elfitouri Elghawi sabiex ihallas lill-bank rikorrenti l-ammont likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti hekk kif mitlub fit-tieni (2) talba.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tar-rikors ghall-hatra ta' kuraturi ipprezentanti kontestwalment ma' dana l-att, kontra l-intimat Naser Elfitouri Elghawi illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra illi tista' tittiehed.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' Lulju 2016 li permezz tiegħu hatret lill-Avukat Dottor Josette Sultana u lill-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Naser Elfitouri Elghawi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Josette Sultana u tal-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Naser Elfitouri Elghawi li permezz tagħha eċċepew illi:

F'dan l-istadju l-esponenti mhumix edotti mill-fatt u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2016 din il-Qorti laqgħet it-talba tal-bank rikorrent sabiex jiġu allegati l-atti tal-kawża 525/2000 JRM fl-ismijiet Avukat Kenneth F. Dingli et noe vs Lombard Bank plc, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2014.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, il-bank attur qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut assenti sabiex jirrifondi l-flus miġbuda minn kont bankarju mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa, bl-imgħax u spejjeż tal-kawża 525/2000 JRM fl-ismijiet Av. Kevin F. Dingli et noe vs Lombard Bank Malta plc, deċiża nhar is-26 ta' Ġunju 2014.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fis-6 ta' Marzu 1998 il-konvenut Naser Elfitouri Elghawi u ċertu Ammar Shammout talbu l-ftuħ ta' kont *savings* fil-fergħa ta' Tas-Sliema tal-bank attur. Il-kont infetaħ bl-isem 'Mr Naser Elfitouri Elghawi & Mr Ammar A.F. Shammout T/Y Yamama – Aramex'.

Yamama International Couriers Limited u Aramex International Limited kienu żewġ kumpanniji tal-ġarr tal-merkanzija, tal-ewwel imwaqqfa fil-Libja u tat-tieni fil-Ġordan. Jirriżulta li dawn kienu qablu li jaħdmu flimkien fil-Libja fin-negozju tal-ġarr ta' posta bil-*courier*. Madanakollu, il-kont infetaħ fuq kull wieħed miż-żewġ rappreżentanti f'isimhom personali.

Skont struzzjonijiet mogħtija lill-bank attur, iż-żewġ firmatarji kienu taw is-setgħa lil kull wieħed minnhom sabiex ikun jista' jiġbed minn dan il-kont massimu ta' ħamest elef dollaru Amerikan (US$ 5000) kull tliet xhur, b'dan illi l-mandat kien jispeċifika li ġbid ta' kull somma oghla mill-imsemmi limitu kellu jsir bil-firma jew fuq talba taż-żewġ firmatarji flimkien. Il-mandat kellu jibqa' fis-seħħ sakemm ma jkunx imħassar b'talba bil-miktub taż-żewġ firmatarji.

Il-kont beda jitħaddem fl-4 ta' Mejju 1998. L-ewwel flus li ddaħħlu fil-kont kienu dawk li kienu jinsabu depozitati f'kont ieħor mal-istess bank, liema kont ingħalaq dakinhar stess sabiex il-flus minnu jiġu trasferiti fil-kont il-ġdid. Il-bilanċ fl-imsemmi kont antik kien ta' US$ 76,396.66. Fil-kawża 525/2000 Ammar Shammout xehed illi dak il-kont ukoll kien jirrigwarda t-tħaddim tal-'*joint venture*' ta' bejn Aramex u Yamama.

F'ħames okkażjonijiet bejn l-1 ta' Ġunju 1999 u t-13 ta' Awwissu 1999, il-konvenut talab lill-bank attur sabiex jiġbed flus mill-kont il-ġdid li b'kollox kienu jlaħħqu cirka US$ 86,545.47. F'dawn l-okkażjonijiet il-konvenut għamel it-talbiet tiegħu lill-bank bil-miktub. Ammar Shammout ma ntalabx jagħti u lanqas ta l-kunsens tiegħu sabiex jinġibdu dawn il-flus.

F'Novembru tal-1999 meta Ammar Shammout talab sabiex jiġbed flus mill-kont, huwa sar jaf b'dak li kien talab il-konvenut u talab lill-bank sabiex jispjegalu għaliex il-konvenut tħalla jiġbed dawn il-flus minkejja l-istruzzjonijiet li ngħataw lill-bank. Shammout talab lill-bank sabiex jreġġa lura l-flus miġbuda fil-kont. Peress illi l-Lombard Bank plc naqas milli jagħmel dan u caħad kull responsabbilità, Ammar Shammout fetaħ kawża kontra l-bank, u cioè dik 525/2000 JRM.

Permezz ta' sentenza datata 26 ta' Ġunju 2014, din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża 525/2000 JRM ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-bank konvenut (illum attur) u laqgħet it-talbiet attriċi billi (i) sabet illi l-bank naqas milli jħares il-mandat u l-awtorizzazzjoni mogħtija lilu minn Ammar Shammout u l-konvenut Naser Elfitouri Elghani, bħala detenturi tal-kont *savings* f'denominazzjoni ta' Dollaru Amerikan numru 5027134998, meta ppermetta lid-detentur Naser Elfitouri Elghani jiġbed mill-imsemmi kont somom ta' flus bi ksur tal-istess mandat u awtorizzazzjoni u ma ta l-ebda raġuni tajba għaliex ħalla li jsir dan u (ii) ordnat lill-bank sabiex fi żmien għaxart ijiem jerġa jqiegħed fl-imsemmi kont is-somma ta' US$ 86,545.47, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi fuq dik is-somma, b'seħħ minn dakinhar li nġibdu s-somom relattivi sal-jum tal-effettiv radd lura fil-kont. Il-bank ġie ordnat ukoll iħallas l-ispejjeż tal-kawża. Minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell.

Konsegwentement, il-bank ipproċeda bil-kawża tal-lum sabiex jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jagħmel tajjeb għat-telf ossia danni li sofra l-istess bank, konsistenti fis-somma li ġibed il-konvenut mingħajr awtorizzazzjoni ta' Ammar Shammout, l-imgħax li ddekorra fuq l-imsemmija somma, li l-bank attur ukoll kellu jrodd lura fil-kont in kwistjoni, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-kawża 525/2000 JRM.

Il-Qorti ser tibda billi tqis in-natura tal-azzjoni tal-lum. Il-bank attur jgħid illi sofra '*telf ossia dannu bħala konsegwenza diretta tal-aġir tal-intimat*' u allura fil-fehma tal-Qorti din hija azzjoni għad-danni. Ma jirriżultax illi d-danni mitluba huma bbażati fuq xi obbligu kuntrattwali tal-konvenut assenti favur il-bank attur għaliex il-konvenut ma assuma l-ebda obbligu favur il-bank li ma jiżbankax l-ammont li kien jinsab fil-kont in kwistjoni mingħajr il-kunsens tad-detentur l-ieħor.

Din il-Qorti allura ssib li l-azzjoni hija bbażata fuq ħtija akwiljana u ċjoe l-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqraw hekk:

> *"1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*
>
> *1032(1). Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

Jirriżulta li l-konvenut huwa assenti minn Malta u l-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentawh f'dawn il-proċeduri ma ressqu l-ebda eċċezzjoni għan-nom tiegħu sabiex jikkombattu l-premessi u talbiet attriċi.  Lanqas ma ressqu provi.

Mill-provi prodotti da parti tal-bank attur, din il-Qorti hija sodisfatta li l-bank attur sofra d-danni riklamati minnu minħabba l-aġir tal-konvenut assenti li ġibed mill-kont bankarju in kwistjoni ammont sostanzjali ta' flus bi ksur tal-istruzzjonijiet li ta huwa stess lill-bank.  Il-konvenut assenti ma kellu l-ebda dritt illi jiżbanka dawn il-flus mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' Ammar Shammout.

Huwa ċar illi l-konvenut ikkawża danni lill-bank attur konsistenti fil-flus li ġibed mingħajr ma kellu jedd għalihom u l-imgħax li ddekkorra fuq din is-somma, in kwantu li l-bank attur kellu jreġġa lura fil-kont dawn is-somom skont kif ordnat fil-kawża 525/2000 JRM, kif ukoll l-ispejjeż tal-imsemmija kawża. Isegwi għalhekk illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li kkawża bl-aġir tiegħu billi jiġi kkundannat jagħmel tajjeb għat-telf attwali li sofra l-bank attur.

Il-bank attur jikkontendi wkoll li sofra danni oħra minħabba l-aġir tal-konvenut assenti. Fl-affidavit tiegħu, l-Avukat Dottor Paul Debono in rappreżentanza tal-bank attur jispjega li dawn id-danni jikkonsistu fl-imgħax addizzjonali fuq is-somma globali li l-bank qiegħed jirreklama. Din il-Qorti tqis illi din it-talba għal danni addizzjonali wkoll hija ġustifikata a tenur tal-artikolu 1047 tal-Kap. 16 li jiddisponi hekk:

> "*(1) Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.*"

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lill-konvenut Naser Elfitouri Elghawi sabiex iħallas ossia jirrifondi lill-bank attur:

    i. F'munita ewro ekwivalenti tas-somma ta' sitta u tmenin elf, ħames mija u ħamsa u erbgħin dollaru Amerikan u sebgha u erbgħin ċenteżmu (US$ 86,545.47) li huwa l-ammont li kellu jerġa jiġi akkredidat fil-kont fuq imsemmi mill-bank attur;

    ii. F'munita ewro ekwivalenti tas-somma ta' sitta u tmenin elf, ħames mija u ħamsa u erbgħin dollaru Amerikan u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (US$ 86,545.47) li huwa l-ammont ta' imgħax li kellu jiġi akkredidat fil-kont fuq imsemmi mill-bank attur;

iii. Erbat elef, tlett mija u sitta u disgħin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€4,396.93) rappreżentanti drittijiet, spejjeż u VAT dovuti skont is-sentenza 525/2000 u debitament imħallsa;

iv. Ħames mija u wieħed u għoxrin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€521.56) rappreżentanti drittijiet, spejjeż u VAT dovuti fir-rigward tal-interpretu Aaron Haroun u debitament imħallsa.

2. Tilqa' t-tieni u tielet talbiet attriċi billi tikkundanna lill-konvenut Naser Elfitouri Elghawi iħallas lill-bank attur l-imgħax addizzjonali bir-rata ta' 8% fuq l-ammonti hawn fuq likwidat, u dan mid-data li ġie effettwat kull ħlas mill-bank attur.

Bl-ispejjeż kif mitluba.

IMHALLEF

DEP/REG